MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 1/2011/1

**Joseph Bajada (Karta ta' l-Identità bin-Numru 24466G)**
**u S B Autocentre Limited (C-16378)**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Joseph Bajada u s-socjetà S B Autocentre Limited fl-20 ta' Jannar 2011, permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal jirrevoka *in toto* id-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta datata 3 ta' Jannar 2011, stante li l-istess decizjoni hija skorretta, ingustifikata w infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet minnhom moghtija fir-Rikors, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Ra d-dokument "Dok. A" anness mar-Rikors promotur a fol. 5 tal-process;

Ra r-Risposta ta’ l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta permezz ta’ liema in linea preliminari teccepixxi l-*privilegum fori* stante li s-sede taghha hija f’Malta u ghalhekk il-kaz ghandu jinstema’ mit-Tribunal ta’ Malta u fil-meritu topponi ghat-talba tar-Rikorrenti u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li malli hija giet a konoxxenza tal-fatti migjuba quddiemha, u dana wara li saret spezzjoni fuq il-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni LAD-647, hija qdiet l-obbligi u d-doveri mistennija minnha skond il-ligi relattiva u ghaliex l-ligi in kwistjoni ossia l-Avviz Legali 43 ta’ l-2008 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, hija ligi tassattiva fis-sens li una volta li persuna tikser il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta’ operatur, l-Awtorità intimata ghandha idejha marbutin bil-ligi stante li l-ligi timponi fuqha li tali persuna ghandha tinghata punti ta’ penalità u thallas il-multa amministrattiva korrispondenti;

Ra li waqt is-seduta tas-27 ta’ Mejju 2011[1] l-Awtorità intimata rtirat l-eccezzjoni tal-*privilegum fori* minnha sollevata in linea preliminari izda zammet fermi l-eccezzjonijiet l-ohra kollha minnha sollevati;

Sema’ x-xhieda ta’ Joseph Bajada[2] u ta’ Carmel Saliba[3] moghtija waqt is-seduta tat-30 ta’ Settembru 2011 u ra d-dokumenti esebiti minn Joseph Bajada waqt l-imsemmija seduta markati Dok. “JB1” sa’ Dok. “JB19” a fol. 30 tal-process u Dok. “GV1” a fol. 31 sa’ 47 tal-process, sema’ x-xhieda ta’ Reuben Said moghtija waqt is-seduti tat-30 ta’ Settembru 2011[4] u tat-3 ta’ Frar 2012[5] u ra d-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta tat-3 ta’ Frar 2012 markati Dok. “RS1” sa’ Dok. “RS5” a fol. 63 sa’ fol. 68 tal-process u sema’ x-xhieda ta’ Lino Abela moghtija waqt is-seduti tat-28 ta’ Ottubru 2011[6] u tat-3 ta’ Frar 2012[7];

Ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti pprezentata fit-23 ta’ Marzu 2012 u ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet

[1] Fol. 24 tal-process.
[2] Fol. 27 sa’ 29 tal-process u fol. 50 tal-process.
[3] Fol. 48 u 49 tal-process.
[4] Fol. 51 sa’ 52 tal-process.
[5] Fol. 60 sa’ 62 tal-process.
[6] Fol. 54 u 55 tal-process.
[7] Fol. 58 u 59 tal-process.

Responsiva ta' l-Awtorità intimata pprezentata fl-1 ta' Gunju 2012;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'ittra datata 3 ta' Jannar 2011, Joseph Bajada ghan-nom tas-socjetà S B Autocentre Limited, gie nfurmat mill-Awtorità intimata li *on the 16th December 2010 Transport Malta Gozo Operation Manager had carried out a post VRT inspection on vehicle bearing registration number LAD 647. During the inspection the vehicle was found with the following defects. Your test was carried on the 7th December 2010 and issued a passed test certificate (C 2493462). Broken right tail light, front tyres not serviceable, right front and rear lights not functioning. Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 item 15 and 10 and 11 you are therefore being penalized the total points of 70 points (seventy) that are equivalent to €770.*

Ir-Rikorrenti jikkontestaw din id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata u jikkontendu li l-istess hija skorretta, ingustifikata u infondata fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentment jitolbu li din id-decizjoni tigi revokata. Il-kontestazzjoni tar-Rikorrenti tinsab opposta mill-Awtorità intimata li da parte taghha ssostni li d-decizjoni moghtija fit-3 ta' Jannar 2011 hija korretta u tisthoqq li tigi kkonfermata stante li fl-ghoti ta' dik id-decizjoni hija agixxiet skond id-doveri taghha kif nascenti mill-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, ossia r-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq.

Ir-Rikorrenti jibbazaw l-appell taghhom mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fuq is-segwenti tlett punti:

- *Rigward il-broken tail light, il-fatti kienu li dan it-tail light effettivament kellu bicca minnu miksura, precizament parti zghira mill-lens il-bajda tar-reverse light fit-tarf t'iself. Issa skond ir-regolamenti din il-hsara fit-tail light ma*

*tikkostitwix failure ghar-raguni li kull parti tat-tail light x'hin operata kienet temmetti biss dawl tal-kulur li suppost;*

- *Rigward il-front tyre, il-kompitu tat-tester huwa li jezamina t-tyre li ma jkunx fih difetti bhal qsim ta' certu daqs u li dan ikollu thread fond mhux inqas minn 1.6mm; illi jkunu ghadhom jidhru l-qisien u ratings tal-manifattur, u t-thread tkun tajba. Effettivament it-tyre in kwistjoni kien jissodisfa dawn ir-rekwiziti kollha;*
- *Rigward l-allegazzjoni li d-dawl ta' quddiem u ta' wara tan-naha tal-lemin ma kienx jahdem din assolutament mhix fondata. Meta giet ezaminata is-sistema tad-dawl kemm dakinhar li saret l-ewwel spezzjoni fis-7 ta' Dicembru 2010 kif ukoll wara li din il-vettura giet ri-ezaminata mill-Awtorità din is-sistema kienet tahdem u tiffunzjona perfettament u dan jista' jigi kkonfermat anke mix-xhieda tas-sid*.

It-Tribunal se jittratta dawn it-tlett punti sollevati mir-Rikorrenti in sostenn ta' l-appell taghhom mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata wiehed wiehed u se jibda bil-kontestazzjoni taghhom dwar l-akkuza ta' l-Awtorità li waqt il- VRT test tal-vettura ta' l-ghamla Subaru bin-Numru ta' Registrazzjoni LAD-647 huma ma tawx kaz li din kellha *a broken right tail light*.

Waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2011[8] ir-Rikorrent Joseph Bajada esebixxa numru ta' ritratti li juru t-*tail light*[9] tal-vettura in kwistjoni u minnhom jirrizulta li parti minn dan it-*tail light*, senjatament il-parti tar-*reverse light*, kien imkisser, izda huwa jikkontendi li d-dawl kien jahdem tajjeb u jemetti l-kulur li suppost, fil-kaz ta' dan ir-*reverse light* kulur abjad, u ghall-finijiet ta' VRT test dan huwa l-element li jrid jigi ttestjat u mhux jekk il-*cover* per se huwiex intatt o meno: *l-iskopijiet tat-test taghna huwa li naraw li fanal ikun jahdem u mhux forsi jekk ikun hemm cover imxellef bhal ma hu f'dan il-kaz*. In sostenn ta' dak minnu affermat ir-Rikorrent esebixxa wkoll il-manual li jintuza ghall-finijiet ta' VRT tests esegwiti hawn Malta fi stazzjonijiet tal-VRT markat bhala Dok. “GV1” a fol. 31 sa' 47 tal-process. Minn ezami tad-dokument Dok. “GV1”

---

[8] Fol. 27 u 28 tal-process.
[9] Dok. “JB1” sa' Dok. “JB8” a fol. 30 tal-process.

però din il-kontestazzjoni tar-Rikorrenti ma tirrizultax ikkonfermata, anzi piuttost il-kuntrarju.

Il-Parti 1.1 tal-manual esebit mir-Rikorrenti, li tittratta dwar *Front and Rear Position Lamps, Registration Plate Lamps u Rear Fog Lamps,* tipprovdi li waqt spezzjoni tal-fanali kemm ta’ quddiem kif ukoll ta’ wara ta’ vettura ghandu fost affarijiet ohra jigi verifikat *that the lamps are complete, in good working order and clean*[10] u wahda mir-*reasons for rejection* hija appuntu li *a front position lamp or rear position lamp* [is] *incomplete, not in good working order or not clean, i.e. damaged or deteriorated, or not visible from a reasonable distance*[11]*.* Minn dan il-manual jirrizulta ghalhekk illi kuntrarjament ghal dak affermat mir-Rikorrenti, dan in-nuqqas partikolari fit-*tail light* tal-vettura ravvizat mill-ufficjal ta’ l-Awtorità intimata kellu effettivament iwassal ghal rizultat negattiv tal-VRT test u mhux jithalla ghaddej qisu qatt ma kien xejn. Ghaldaqstant, din il-parti tad-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrenti tirrizulta li hija korretta u b’hekk qed tigi kkonfermata.

Fir-rigward tat-tieni akkuza avvanzata mill-Awtorità intimata kontra r-Rikorrenti, u cioè li waqt l-VRT test tal-vettura ta' l-ghamla Subaru bin-Numru ta' Registrazzjoni LAD-647 ma tawx kaz tal-fatt li *front tyres not serviceable*, *i*r-Rikorrenti jaghtu riljiev lin-nuqqas ta’ qbil bejn iz-zewg rapprezentanti ta’ l-Awtorità intimata Lino Abela u Reuben Said dwar x’riedet tfisser ezatt l-Awtorità intimata b'din l-akkuza.

Skond Lino Abela tyres ta’ vettura huma kkunsidrati bhala *not serviceable* anke meta *ma jkunux ta’ l-istess thread* u mhux biss meta ma jkunux tal-hxuna adattata. Huwa xehed li f’dan il-kaz in-nuqqas ravvizat minn Reuben Said kien li *threading tat-tyres ta’ quddiem ma kienx jaqbel. It-tip ta’ tyres u l-patterns ma kienux jaqblu. Irridu jkunu jew it-tnejn Crosspile jew nkella tnejn Radial. Mhux tant id-ditta tat-tyre li taghmel effett imma hu t-tip ta’ tyre li jrid*

---

10 Sottolinear tat-Tribunal.
11 Sottolinear tat-Tribunal.

*ikun l-istess*[12]. Mill-banda l-ohra, fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2011[13] Reuben Said ma semma xejn dwar tip ta' thread differenti bejn tyre u iehor fil-vettura in kwistjoni izda qal biss li *t-tyre ta' quddiem kellu t-thread li fl-opinjoni tieghi vizwalment kienet tidher baxxa wisq* u meta rega' xehed waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2012[14] sahaq li l-kwistjoni kienet illi *mill-ispezzjoni vizwali li ghamilt fuq il-vettura mertu tal-kontestazzjoni, li jien kont ikkonkludejt li l-front tyres not serviceable, irrid infisser li t-tyre ta' quddiem tan-naha tax-xufier kien vizwalment jidher lixx. Apparti minn hekk it-tyre l-iehor ta' quddiem tan-naha l-ohra ma kienx ta' l-istess ditta bhat-tyre l-iehor li kien hemm fuq quddiem fuq in-naha tax-xufier,* fatt dan ta' l-ahhar però li skond Lino Abela mhux daqstant rilevanti peress illi hija l-istruttura tat-thread tat-tyres li trid tkun l-istess u mhux tant id-ditta tat-tyre *per se.*

Huwa veru li r-rapprezentanti ta' l-Awtorità intimata mhux qed jaqblu bejniethom dwar x'allegata irregolarità giet riskontrata fit-tyres tal-vettura ta' l-ghamla Subaru bin-Numru tar-Registrazzjoni LAD-647 u dana certament huwa in parte rizultat ta' nuqqas ta' kjarezza fl-e-mails li ntbaghtu lil Lino Abela u Joseph Mifsud, rapprezentant iehor ta' l-Awtorità intimata, dwar dak riskontrat minn Reuben Said waqt l-ispezzjoni vizwali li ghamel fuq il-vettura in kwistjoni. Di fatti mill-e-mails esebiti bhala Dok. "RS2" a fol. 65 sa' 68 tal-process jirrizulta li ghall-ewwel, permezz ta' e-mail datata 23 ta' Dicembru 2010, Lino Abela gie infurmat li fost affarijiet ohra Reuben Said irriskontra *tyres ta' quddiem mhux sew* u imbaghad f'email sussegwenti ta' l-24 ta' Dicembru 2010 Joseph Mifsud gie infurmat li Said irriskontra li *the tyres were not all of the same type and damaged, and on Reuben's instructions these were all changed to the same type.* Madanakollu però, fil-fehma tat-Tribunal meta l-Awtorità intimata sabet lir-Rikorrenti hatja tal-fatt li fil-VRT test tal-vettura ta' l-ghamla Subaru bin-Numru ta' Registrazzjoni LAD-647 ma tawx kaz tal-fatt li t-tyres tal-vettura *were not serviceable*

[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2011, fol. 54 u 55 tal-process.
[13] Fol. 51 u 52 tal-process.
[14] Fol. 60 sa' 62 tal-process.

hija setghet kienet qed tirreferi biss ghall-allegat fatt li t-tyres kienu lixxi u mhux ukoll jew alternattivament ghall-fatt li t-tyres ma kienux ta' l-istess tip ta' thread.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk u anke fid-dawl tal-fatt li l-uniku punt li jaqblu fuqu z-zewg rapprezentanti ta' l-Awtorità intimata huwa li Reuben Said ikkonstata li t-tyres tal-vettura ta' l-ghamla Subaru bin-Numru ta' Regsitrazzjoni LAD-647 kienu lixxi, it-Tribunal necessarjament ghandu jillimita l-konsiderazzjonijiet tieghu ghal dan il-punt partikolari u ma jidholx fil-kwistjoni dwar jekk it-tyres jew uhud mit-tyres tal-vettura in kwistjoni kienux ta' l-istess thread o meno.

Fir-rigward ta' din l-akkuza u konsegwenti decizjoni diretti mill-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrenti, ir-Rikorrent Joseph Bajada jikkontendi li *meta jkun qed isir it-test fuq it-tyres tal-vetturi, ahna nwahhlu l-vettura jekk ikollha d-dettalji fuq il-genb tat-tyre li ma jkunux jidhru sew izda f'dan il-kaz kienu jidhru tajjeb u meta t-thread tat-tyre ikun fih hxuna ta' anqas minn 1.6mm u f'dan il-kaz kellu izjed. … Meta vettura tkun qed tigi tested ghall-finijiet ta' VRT, din tkun fuq il-lifter u allura prattikament tigi faccata ta' wiccek. Meta nkunu qed niccekjaw it-tyres, jekk il-fond ikun jidher li huwa tajjeb ma noqghodux niccekkjawh b'gauge ghax jekk ikollna xi dubju ahna niccekjawh b'dak li jissejjah depth gauge. Nispjega però li tyre ma jittikilx bl-istess mod kullimkien, in-naha ta' gewwa tat-tyre jigifieri dik li tkun aktar lejn in-nofs tal-karozza, specjalment meta ma jkollhiex is-suspensions perfetti u ghalhekk qed nesebixxi d-depth gauge li qed juri indikazzjonijiet differenti ghaliex fil-fatt hadna l-qies tat-tyre minn diversi bnadi. Il-minimum li sibna xorta kien jaqbez il-1.6 mm. Meta tyre ikun qrib il-1.6mm, lill-persuna ma nistax inwahhlu mit-test jew nghidlu biex imur ibiddlu ghar-raguni li jekk dan ser imur ghand tat-tyres dan x'aktarx ser ighidlu li ghalkemm it-tyre ikun ikrah ikun ghadu mhux ta' min ibiddlu u jekk jistaqsini jekk it-tyre f'dik il-kundizzjoni jghaddix jew le, jiena fil-verità ikolli nghidlu li jghaddi. Il-valur ta' 1.6mm huwa derivanti mis-sistema Ingliza fejn*

*naturalment it-toroq u l-kundizzjonijiet tas-sewqan huma differenti minn hawnhekk*[15]*.*

Bhala prova ulterjuri tar-readings li ttiehdu dwar il-hxuna tat-threads tat-tyres tal-vettura in kwistjoni r-Rikorrent esebixxa serie ta' ritrattati markati minn Dok. "JB10" sa' Dok. "JB19" a fol. 30 tal-process li lkoll juru li ebda wiehed mir-readings ma kien inqas 1.6mm, il-livell li jrid jigi rispettat skond ir-regoli li bihom huma marbutin l-operaturi ta' stazzjonijiet tal-VRT u t-testers. Carmel Saliba[16], sid il-vettura, ukoll ikkonferma li r-Rikorrent ghamel verifika tal-hxuna tat-threads tat-tyres tal-vettura tieghu permezz tal-gauge, haga li però saritx minn Reuben Said waqt l-ispezzjoni tieghu liema spezzjoni *ex admissis* kienet biss wahda vizwali u hu stess iddikjara li *ma neskludix li jekk dawn it-tyres gew iccekjati bil-gauge ma kellhomx it-thread daqshekk irqiqa daqs kemm kont qed nikkonsidraha jiena*[17].

Ta' rilevanza ferm importanti fil-kuntest ta' dawn il-proceduri huma c-cirkostanzi li wasslu biex l-ispezzjoni da parte ta' l-Awtorità intimata fuq il-vettura meritu tal-kontestazzjoni saret minn Reuben Said li hu stess jammetti li ma huwiex persuna teknika u normalment ma huwiex xogholu li jaghmel tali spezzjonijiet. Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2012, Reuben Said spejga illi *jiena normalment inspections fuq il-vetturi ma naghmilx. Li kien gara kien li darba minnhom kienu gew tlieta minn nies jilmentaw mieghi li l-ittra li ntbaghtet lilhom mill-Awtorità intimata biex jitilghu ghall-inspection, li generalment issir minn nies teknici, kienu rcevewha tard. Jiena dak il-hin biex nipprova nghinhom bghatt e-mail lis-Sur Lino Abela fejn qalli biex l-inspection naghmilha jiena vizwalment. Jien l-inspection zammejtha u fil-fatt il-vettura mertu tal-kontestazzjoni kienet wahda mill-vetturi li ghamilt spezzjoni taghha. ... Jiena nerga' nghid li f'dan il-kaz ma*

[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2011, fol. 27 sa' 29 tal-process.
[16] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2011, fol. 48 u 49 tal-process.
[17] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2011, fol. 51 u 52 tal-process.

*qaghadtx noqghod nidhol f'hafna teknika, kont ikkonstatajt dak li kont rajt vizwalment.*

Fic-cirkostanzi ghalhekk u fid-dawl tal-provi prodotti u partikolarment tal-fatt li l-ispezzjoni tat-tyres tal-vettura da parte ta' l-Awtorità intimata ma saritx minn persuna teknika u lanqas saret bl-iktar mod adattat u akkurat, it-Tribunal iqis li ma jistax u ma ghandux isib lir-Rikorrenti hatja tan-nuqqas lilhom ravvizat mill-Awtorità intimata dwar it-tyres tal-vettura ta' l-ghamla Subaru bin-Numru ta' Registrazzjoni LAD-647 u ghaldaqstant dik il-parti partikolari tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ghandha tigi revokata.

Jonqos issa li jigi trattat it-tielet punt sollevat mir-Rikorrenti u cioè rigwardanti t-tielet akkuza diretta fil-konfront taghhom da parte ta' l-Awtorità intimata u cioè li waqt il-VRT test fuq il-vettura ta' l-ghamla Subaru bin-Numru ta' Registrazzjoni LAD-647 ma tawx kaz tal-fatt li *right front and rear lights not functioning*.

Fir-rigward ir-Rikorrent Joseph Bajada jikkontendi li *qed nassumi li dak li seta' gara kien li waqt l-inspection il-klijent jew kien ipprova jixghel id-dawl minghajr ma l-vettura tkun startjata jew inkella addirittura d-dawl ma xeghlux però din hija supposizzjoni ghax jiena waqt l-inspection ma kontx prezenti jista' jkun hemm difett fis-switch tad-dawl. Meta sid il-vettura gie ghandi wara din l-inspection, jiena ghandi il-vizzju, specjalment meta karozza tkun b'batterija zghira li l-ewwel nixghel il-karozza imbaghad nixghel id-dawl ghax inkella hemm ir-riskju li l-karozza ma tistartjax. Qed nigi mistoqsi mit-Tribunal kif stajt nivverifika d-dawl jekk fi kliemi stess sid il-vettura gia mar jaghmel ir-riparazzjonijiet, nghid li r-riparazzjonijiet l-ohra mar jaghmilhom ghand haddiehor però ghad-dawl gie ghandi biex insewwieh jiena. Dak il-hin jiena xegheltha, qabbadtha u d-dawl hadem perfettament. Minn dak iz-zmien lil hawn jiena ma nafx li sid il-vettura kellu l-istess problema tad-dawl.*

Il-fatt li meta r-Rikorrent ipprova jhaddem id-dawl tal-vettura ta' l-ghamla Subaru bin-Numru ta' Registrazzjoni

LAD-647 wara li saret l-ispezzjoni da parte ta' Reuben Said, dan hadem perfettament jinsab ikkonfermat minn sid il-vettura Carmel Saliba li waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2011, iddikjara li *dak il-hin* [ossia waqt l-ispezzjoni] *Reuben rega' qalli biex immur ghand Joseph Bajada ghall-fini li jsewwili d-dawl. Jiena mort ghand Joseph Bajada u kif wasalt ghandu, id-dawl hadem. Bajada m'ghamlilha xejn lill-karozza, kull ma ghamel dahal fil-karozza xeghel is-switch tad-dawl u dan meta l-karozza ma kienetx startjata.*

Ghalkemm dwar id-dawl tal-vettura in kwistjoni Reuben Said jghid li waqt l-ispezzjoni tal-vettura l-indicator kemm ta' quddiem kif ukoll ta' wara ma kienx qed jahdem, it-Tribunal, partikolarment fid-dawl tax-xhieda tar-Rikorrent u ta' Carmel Saliba, liema xhieda ma gietx kontradetta mill-Awtorità intimata peress illi rapprezentant taghha ma kienx prezenti meta Saliba rega' mar ghand Bajada, ma huwiex affattu konvint li dak riskontrat minn Said waqt l-ispezzjoni kien difett fil-vettura li gie injorat mir-Rikorrenti waqt il-VRT test tas-6 ta' Dicembru 2010. Fil-fehma tat-Tribunal waqt l-ispezzjoni gara xi haga li wassal biex l-indicator ma jahdimx izda jidher bic-car li dan hadem meta l-vettura regghet ittiehdet ghand Bajada u allura ma hemmx prova sodisfacenti li tistabilixxi b'mod konkret u konklussiv li waqt il-VRT test id-dawl ma kienx qed jahdem. Ghaldaqstant, din il-parti partikolari tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrenti ghandha tigi revokata wkoll.

Ghalkemm l-Awtorità intimata ma taghtix indikazzjoni cara fl-ittra tat-3 ta' Jannar 2011, jirrizulta li d-decizjoni taghha ttiehdet esklussivament fil-konfront ta' l-operatur ta' l-istazzjoni tal-VRT fejn sar il-VRT test fuq il-vettura ta' l-ghamla Subaru bin-Numru ta' Registrazzjoni LAD-647. In effetti l-partiti ta' l-Iskeda 12 minnha imsemmija fl-ittra tat-3 ta' Jannar 2011 – *item 15 and 10 and 11* - jaqghu taht is-sistema ta' punti ta' penalità uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penalità li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' operatur u mhux taht is-sistema li tittratta dwar il-punti ta' penalità li ghandhom jitnaqqsu lit-testers ghall-ksur tal-kondizzjonijiet li

jirregolawhom. Il-partiti 10, 11 u 15 tas-sistema ta’ punti ta’ penalità relattivi ghal operaturi rispettivament jittrattaw dwar *ma jinghatax kaz ta’ xi haga hazina fid-dawl tas-sewqan*, *ma jinghatax kaz ta’ xi haga hazina fid-dawl ta’* wara u dwar meta *ma jinghatax kaz ta’ xi haga hazina fit-tyres*, li huma c-cirkostanzi meritu ta’ dawn il-proceduri, filwaqt illi l-partiti 10, 11 u 15 tas-sistema ta’ punti ta’ penalità relattivi ghat-testers rispettivament jittrattaw dwar meta *ma jinghatax kaz ta’ xi haga hazina fil-parking brakes, ma jinghatax kaz ta’ xi haga hazina fl-isteering* u meta *ma jinghatax kaz ta’ xi haga hazina fil-wipers*, cirkostanzi li assolutament ma ghandhom xejn x’jaqsmu mal-fatti tal-kaz in ezami.

It-Tribunal qed jaghmel din l-osservazzjoni ghall-finijiet tal-multa amministrattiva li ghandha tigi imposta fuq l-operatur ta’ l-istazzjoni tal-VRT – ossia s-socjetà S B Autocentre Limited – partikolarment fid-dawl ta’ dak iktar ‘l fuq osservat dwar l-akkuzi mressqa mill-Awtorità intimata lir-Rikorrenti. Ladarba t-Tribunal qed jikkonferma biss l-ewwel akkuza ta' l-Awtorità intimata fil-konfront ta’ l-operatur ta’ l-istazzjoni tal-VRT, u cioè li waqt il-VRT test fuq il-vettura ta’ l-ghamla Subaru bin-Numru ta’ Registrazzjoni LAD-674 ma nghatax kaz tal-*broken right tail light*, il-punti ta’ penalità li ghandhom jitnaqqsu lill-operatur ta’ l-istazzjoni tal-VRT huma dawk li jidhru fil-partita 11 ta’ l-ewwel parti tat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, senjatament skond l-Avviz Legali 43 ta’ l-2008, ossia 10 punti ta’ penalità u konsegwentement il-multa amministrattiva korrispondenti li a tenur tar-Regolament 21(2) u (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ghandha tigi imposta fuq l-operatur ta’ l-istazzjoni tal-VRT tammonta ghal €110. Dana ghalhekk ifisser li id-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata in kwantu rigwarda l-imposizzjoni tal-multa amministrattitva ghandha tigi varjata fis-sens li l-multa amministrattiva tonqos minn €770 ghal €110.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi jilqa’ in parte l-appell interpost mir-Rikorrenti mid-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata notifikata lilhom b’ittra datata 3 ta’ Jannar 2011, u filwaqt li jirrevoka dik il-parti

tad-decizjoni li tirrigwarda it-tieni u t-tielet akkuzi ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrenti, inkluz l-imposizzjoni tal-multa amministrattiva korrispondenti, tikkonferma dik il-parti ta’ l-istess decizjoni li tirrigwarda l-ewwel akkuza diretta mill-Awtorità intimata fil-konfront tar-Rikorrenti, inkluz l-imposizzjoni tal-multa amministrattiva korrispondenti ghal tali akkuza.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal 1/3 mir-Rikorrenti u 2/3 mill-Awtorità intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------